# LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI 2022

## DISKORS TAS-CEO
Rick Hunkin

BOV
Bank of Valletta

Għeżież Azzjonisti,

Nixtieq ningħaqad maċ-Chairman biex nilqagħkom għat-Tmienja u Erbgħin Laqgħa Ġenerali Annwali tal-Grupp BOV. Se niffoka fuq il-punti ewlenin mir-riżultati tal-Bank għall-2021 u se naġġornakom ukoll dwar żviluppi li qed iseħħu f'numru ta' oqsma fi ħdan il-Grupp.

Ir-riżultati sħaħ, flimkien mal-kummentarji, jinsabu fir-Rapport Annwali u d-Dikjarazzjonijiet Finanzjarji tal-Bank, li huma disponibbli fuq il-websajt tal-Bank.

## RIŻULTATI FINANZJARJI B'SAĦĦITHOM FL-2021 MINKEJJA DIVERSI SFIDI

Filwaqt li s-sena finanzjarja li qed nagħtu ħarsa lejha kienet sena oħra ta' sfida kemm għall-ekonomija Maltija kif ukoll dik globali, huwa ta' pjaċir għalina li stajna nwasslu riżultati netti mtejba ħafna għall-Bank għall-2021.

Dan fi sfond ta' ekonomiji li għadhom qed jirkupraw mill-COVID-19, u ambjent prevalenti ta' rati ta' imgħax negattivi li qed ikompli jkun punittiv għall-BOV, u jnaqqas il-marġni nett tal-imgħax tagħna b'mod konsiderevoli. Barra minn hekk, il-grey-listing ta' Malta ħoloq xi ftit ta' nervożità fis-suq, filwaqt li ż-żidiet inflazzjonarji, xprunati aktar mill-instabbiltà ġeopolitika, jistgħu jfissru li se nkomplu naraw xi inċertezza għal ftit żmien aktar.

Il-vjaġġ tagħna ta' trasformazzjoni jkompli u għamilna passi tajbin f'numru ta' oqsma, iżda għad fadlilna ħafna x'nagħmlu. Inizjalment iffukajna fuq it-titjib tal-mod kif naqdu lill-klijenti peress li aktar klijenti issa qed iwettqu tranżazzjonijiet b'mod diġitali, bir-riżultat ikun inqas proċessi manwali u titjib fis-servizz tal-konsumatur. Ix-xogħol kontinwu baqa' jiffoka fuq is-simplifikazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni ta' firxa ta' proċessi li jolqtu direttament lill-klijenti, minbarra l-finalizzazzjoni tax-xogħol fuq it-tisħiħ tas-sistemi ta' governanza, riskju u compliance.

Is-sena li għaddiet żidna wkoll l-attenzjoni tagħna fuq il-qasam tal-investimenti tan-negozju tagħna, u ksibna tkabbir sinifikanti fil-bejgħ, li wassal għal kummissjonijiet ogħla u dħul imtejjeb permezz tas-sħubija tagħna ma' MMSV Life.

## PRESTAZZJONI FINANZJARJA TAL-GRUPP

Il-Grupp irrapporta €80.7 miljun fi profitt qabel it-taxxa għas-sena finanzjarja 2021 meta mqabbel mal-€15.2-il miljun tas-sena ta' qabel. Dan ifisser redditu fuq l-ekwità qabel it-taxxa ta' 7.3% u qligħ għal kull sehem ta' €9.6 ċenteżmi meta mqabbel ma' €2.4 ċenteżmi fl-istess perjodu tal-2020.

L-introjtu operatorju totali kkombinat kellu rkupru mill-2020 peress li ħafna oqsma reġgħu lura għal livelli li qabżu dawk li rajna fl-2019, bl-eċċezzjoni tad-dħul mill-kambju, fejn il-livelli tal-kummerċ għadhom ma rkuprawx għalkollox wara l-COVID-19.

Id-dħul mill-imgħax nett ta' €156.3 miljun kiber b'€9.5 miljun jew 6.5% meta mqabbel mas-sena finanzjarja 2020, bl-ispinta li ngħatat mit-tkabbir qawwi fis-self għad-djar u s-self kummerċjali, li għen biex tiġi kkumpensata l-isfida tar-rati tal-imgħax negattivi u d-depożiti li qed jikbru.

Il-kummissjonijiet netti qabżu l-livelli ta' qabel il-COVID-19 għal €74.6 miljun. Dan jirrappreżenta żieda ta' €7.3 miljun, jew 10.9%, fuq is-sena ta' qabel. Ġie rreġistrat dħul ogħla fil-pilastri ewlenin tan-negozju kollha, speċjalment fl-attività tal-kreditu u dik relatata mal-investimenti.

F'termini ta' spejjeż totali, dawn raw żieda ġenerali mdaqqsa għal €195.6 miljun (żieda ta' €25.2 miljun jew 14.8% fuq is-sena ta' qabel). Madankollu, dan jinkorpora l-ispejjeż tal-investiment strateġiku tagħna ta' €23.1 miljun (żieda ta' €7.3 miljun meta mqabbel mas-sena l-oħra), u għadd ta' elementi speċifiċi li mhux mistennija li jerġgħu jseħħu li kienu jammontaw għal €6.1 miljun (bħall-multa ta' €2.6 miljun imposta mill-Financial Intelligence and Analysis Unit ('FIAU') u ħlasijiet ta' €1.4 miljun fuq frodi tal-kards). Barra minn hekk, l-ispejjeż pagabbli lill-Iskema ta' Garanzija tad-Depożiti ('SGD') żdiedu b'€4.8 miljun matul is-sena hekk kif kompla t-tkabbir fid-depożiti bl-imnut.

Meta jsir aġġustament għal dawn l-elementi, iż-żieda sottostanti fl-ispejjeż operattivi tagħna kienet ta' €5.7 miljun, jew 3.7%. Dan kien prinċipalment fl-ispejjeż tal-impjegati hekk kif żidna għarfien espert f'oqsma bħar-riskju, il-Compliance, l-IT u l-kapaċitajiet diġitali, hekk kif qed ikompli l-investiment fil-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tas-sistemi ewlenin.

Fattur ewlieni fit-tibdil pożittiv mill-2020 għall-2021 kien l-impatt tat-Telf ta' Kreditu Mistenni ('ECLs'). Fl-2021 rajna rilaxx nett ta' €18.9-il miljun hekk kif rajna titjib fil-prestazzjoni f'assi speċifiċi u titjib fil-kollateral, meta mqabbel mal-imposta netta sostanzjali tal-2020 ta' €65.1 miljun, li kienet xprunata minn provvediment prudenti kontra l-COVID-19 u l-legat ta' Self li Ma Jrendix ('NPLs').

## POŻIZZJONI TAL-KARTA TAL-BILANĊ

Skont iċ-ċifri f'Diċembru 2021, l-assi totali tal-Grupp komplew jikbru u qabżu l-marka ta' €14-il biljun, żieda ta' 11% fuq is-sena ta' qabel. Id-depożiti tal-klijenti kibru b'mod qawwi u baqgħu b'bilanċ favorevoli sinifikanti. Għalkemm dawn jipprovdu s-sors ewlieni ta' finanzjament għan-negozju u l-investimenti tal-Grupp, is-surplus joħloq spiża ta' livell għoli għall-grupp f'ambjent ta' rati tal-imgħax negattivi, peress li għandna opportunitajiet limitati ħafna biex namministraw l-investiment ta' dawn il-fondi b'mod aktar effettiv. Il-portafoll tal-investiment tat-teżor tal-Grupp għalhekk żdied ukoll b'€260 miljun għal €3.7 biljun, u għalkemm huwa magħmul prinċipalment minn titoli bi klassifikazzjoni għolja, qed iwassal dejjem aktar għal redittu negattiv.

Din il-pożizzjoni ta' likwidità żejda li tibqa' materjalment għolja, madankollu, tagħti lill-Grupp pożizzjonijiet ta' flus u likwidità b'saħħithom ħafna. Il-flus kontanti u l-fondi ta' terminu qasir kienu jlaħħqu l-€4.6 biljun sa tmiem is-sena, żieda ta' €828 miljun jew madwar 22% fuq is-sena ta' qabel. Il-proporzjon ta' likwidità tal-Bank fi tmiem is-sena kien ta' 444%, marġinalment inqas mill-463% f'Diċembru 2020, li jirrifletti t-tkabbir qawwi fid-depożiti matul is-snin li b'mod konsistenti qabeż id-domanda għas-self.

Is-self nett u l-avvanzi lill-klijenti kien ta' €5.2 biljun, €335 miljun jew 6.9% ogħla minn Diċembru 2020, bi tkabbir qawwi fil-portafolli ta' self għan-negozju u self għad-djar. Il-Bank kompla jappoġġa talbiet għal assistenza finanzjarja mill-klijenti permezz ta' moratoriji ta' ħlas u l-għoti ta' finanzjament garantit mill-gvern permezz tal-iskema tagħna ta' assistenza BOV MDB COVID-19.

Matul is-sena kien irreġistrat tkabbir sod fis-self għad-djar. Sabiex noffru firxa ta' prodotti li tkompli tissodisfa l-ħtiġijiet tal-klijenti li dejjem jinbidlu, aħna ssimplifikajna s-self għad-djar f'erba' prodotti ewlenin, li jissodisfaw ir-rekwiżiti għal residenzi primarji u sekondarji, kif ukoll opportunitajiet ta' investiment u kiri.

It-tkabbir kemm fid-depożiti kif ukoll fis-self irriżulta fi Proporzjon ta' Avvanzi għal Depożiti (Advances to Deposits Ratio) nett ta' 44.1%. Dan jibqa' konsiderevolment ogħla minn dak ta' banek lokali oħra.

Il-proporzjonijiet tal-kapital tal-Grupp tjiebu u kienu ferm ogħla mir-rekwiżiti regolatorji. Kemm is-CET 1 kif ukoll il-proporzjon tal-kapital totali żdiedu minn Diċembru 2020 bil-proporzjon tas-CET 1 irrappurtat fil-livell ta' 21.9% minn 20.9% u l-proporzjon tal-kapital totali fil-livell ta' 25.5% minn 24.5%.

## ĦLAS TA' DIVIDEND

Wara approvazzjoni mill-Bord tad-Diretturi, fid-9 ta' Diċembru 2021, il-Bank iddikjara ħlas ta' dividend interim ta' €0.0264 għal kull sehem. Dan kien jirrappreżenta ħlas gross ta' €15,413,620 li tħallas fit-28 ta' Jannar 2022.

Bl-inċertezzi tal-aħħar ftit xhur madankollu, il-Bord iddeċieda li jadotta approċċ kawt u għalhekk ma ħassx li kellu jirrakkomanda t-tqassim ta' dividend finali għas-sena finanzjarja 2021.

## AĠĠORNAMENT DWAR IL-KAŻ TA' DEIULEMAR

Fl-4 ta' Mejju 2022, il-Bank ħabbar li wara diskussjonijiet twal u dettaljati ma' rappreżentanti legali tal-każ ta' falliment ta' Deiulemar, inklużi madwar 13,000 detentur tal-bonds, intlaħaq ftehim ta' soluzzjoni barra l-qorti, mingħajr ebda ammissjoni ta' tort, li ġab fi tmiemhom it-talbiet legali kollha dwar din il-kwistjoni.

Il-Bank qabel li jħallas bħala ammont sħiħ u finali, is-somma ta' €182.5m fir-rigward tas-sentenza ta' €370m mogħtija mill-Qorti tal-Prim'Istanza f'Torre Annunziata. Dan il-ħlas jannulla t-talbiet kollha miż-żewġ naħat u l-BOV mhux se jibqa' jkollu aktar responsabbiltà kontinġenti jew attwali għaddejja, u madwar €370m ta' kollateral li kien ingħata qabel, ġie rritornat direttament lill-BOV.

Minħabba l-provvedimenti eżistenti li kellu l-Bank kontra din l-obbligazzjoni potenzjali, il-BOV issa se jinkorpora entrata addizzjonali ta' darba fir-riżultati tiegħu ta' qligħ u telf għall-2022 għall-ammont ta' madwar €100m. Il-Bank għandu pożizzjoni kapitali estremament b'saħħitha u jkompli jissodisfa r-rekwiżiti regolatorji kollha meta jassimila l-impatt ta' dan il-ftehim ta' saldu. It-tneħħija tal-inċertezza tkompli żżid il-fiduċja fis-sostenibbiltà fit-tul tal-Bank.

## TRASFORMAZZJONI TAL-PROĊESSI TAGĦNA KONTRA L-KRIMINALITÀ FINANZJARJA

Fis-17 ta' Diċembru 2021, il-Financial Intelligence and Analysis Unit ('FIAU') imponiet multa ta' €2.6 miljun fuq il-Bank bħala penali amministrattiva għal nuqqas ta' rappurtar fejn informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja għal 2,442 klijent korporattiv ma kinitx ġiet aġġornata fir-Reġistru Ċentrali tal-Kontijiet Bankarji ('CBAR'). Ma hemm l-ebda indikazzjoni li xi wieħed mill-kontijiet affettwati kien involut fil-ħasil tal-flus jew kien qed jiffinanzja t-terroriżmu. Il-Bank ħa azzjoni immedjata u kkollabora mal-FIAU b'mod sħiħ u trasparenti.

## AĠĠORNAMENT DWAR IL-BANEK KORRISPONDENTI U L-GREYLISTING

Il-greylisting ta' Malta ma kellux impatt materjali fuq l-operat tal-Bank. Madankollu, jekk jittawwal, il-greylisting jista' jkollu impatt fuq ir-relazzjonijiet ma' banek u kontropartijiet barranin, inkluża żieda sinifikanti fir-rekwiżiti ta' monitoraġġ. Fl-ewwel nofs tal-2021, indirizzajna l-kwistjoni tar-relazzjonijiet bankarji korrispondenti fid-dollaru Amerikan u assigurajna l-kontinwità tal-operat.

## AĠĠORNAMENT DWAR IL-PJAN STRATEĠIKU BOV 2023

Fl-2020 il-Bord approva strateġija li tippjana li tieħu l-BOV fuq vjaġġ ta' trasformazzjoni diġitali matul is-snin li ġejjin, filwaqt li tiżgura li s-sistemi ta' governanza, riskju u compliance tagħna jkomplu jitjiebu. Bdejna programm kbir ta' trasformazzjoni għall-fergħat tagħna, kemm mil-lat operazzjonali, b'taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet tal-impjegati, kif ukoll b'kompożizzjoni ġdida mtejba tal-fergħat li rat it-tnedija tal-fergħa l-ġdida ta' Tas-Sliema u r-rinnovament tal-fergħat ta' Paola, is-Siġġiewi, u ż-Żurrieq aktar kmieni din is-sena.

Aħna appoġġajna wkoll bis-sħiħ il-migrazzjoni tat-tranżazzjonijiet lejn mezzi elettroniċi ta' ħlas aktar effiċjenti, u l-progress hawnhekk kien wieħed sostanzjali, hekk kif rajna volumi sinifikanti pproċessati b'mod elettroniku, bin-numru ta' ċekkijiet ipproċessati jonqos b'aktar minn 50%.

It-trasformazzjoni diġitali hija b'mod ċar investiment kbir għall-Bank u se tkun parti minn vjaġġ ta' titjib kontinwu, iżda nemmnu bis-sħiħ li investiment bħal dan huwa tajjeb għas-sostenibbiltà fit-tul tal-Bank. Qed insegwu mill-qrib l-investiment tagħna f'dan l-ispazju biex niżguraw li nkomplu naraw redditi u benefiċċji dejjem jikbru maż-żmien, iżda dan il-fokus diġà qed juri sinjali bikrija ta' benefiċċju f'termini tat-tkabbir aktar mgħaġġel tan-negozji tagħna ta' investiment u self.

## DIKJARAZZJONI TAL-GĦELUQ

Bħala konklużjoni, il-Bank of Valletta għaddej minn perjodu sinifikanti u meħtieġ ta' trasformazzjoni, li se jwasslu f'pożizzjoni aħjar biex jaqdi lill-klijenti 'l quddiem u jiżgura futur aktar sostenibbli fit-tul. Il-Bank iffaċċja għadd ta' sfidi f'dawn l-aħħar snin u nagħrfu li dan xi drabi kellu impatt fuq il-kapaċità tagħna li nipprovdu l-livell ta' servizz li jixirqilhom il-klijenti tagħna. Dan se jkun il-fokus tagħna hekk kif nimxu 'l quddiem, u jien grat ħafna lejn il-klijenti kollha tagħna għal-lealtà u l-appoġġ kontinwu tagħhom. Nixtieq inwassal ukoll ringrazzjament mistħoqq lill-impjegati kollha li qed jiffaċċjaw dawn l-isfidi u li qed jirrispondu tant tajjeb għat-talbiet li ġġib magħha trasformazzjoni bħal din. Nibqa' fiduċjuż li l-pjan strateġiku ambizzjuż tagħna, li diġà beda juri sinjali bikrin ta' titjib notevoli, se jittrasforma l-akbar bank ta' Malta f'bank aktar effettiv, effiċjenti u sostenibbli għall-futur. Grazzi.

**Rick Hunkin**
**Uffiċjal Kap Eżekuttiv**
**2 ta' Ġunju 2022**

Maħruġ minn Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130
Bil-Bank of Valletta p.l.c. hija kumpanija pubblika b'responsabbiltà limitata regolata mill-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji u liċenzjata biex toffri l-kummerċ bankarju u s-servizzi ta' investiment f'termini tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Kap. 371 tal-Liġijiet ta' Malta) u tal-Att dwar Servizzi ta' Investiment (Kap. 370 tal-Liġijiet ta' Malta).